DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' April 2013

li tikkoreġi l-verżjoni Olandiża tal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE dwar miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità

(notifikata bid-dokument C(2013) 1962)

(2013/176/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-punt (d) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Olandiża tad-Direttiva 2000/29/KE kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/36/KE [2] fiha żball. Fil-punt 32.1 tat-Taqsima I tal-Parti A tal-Anness IV, il-kliem "met uitzondering van Europese en mediterrane landen" iddaħħlu bi żball u għalhekk għandhom jitħassru. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra ma ġewx affettwati.

(2) Għalhekk, id-Direttiva 2000/29/KE għandha tiġi kkoreġuta skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Tikkonċerna biss il-verżjoni Olandiża.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 116, 3.5.2002, p. 16.